



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta' Novembru 2011 (01.12)
(OR. en)**

17424/11

**RECH 385
COMPET 550
REGIO 136
ENER 379
CULT 109
SOC 1032
SAN 254
ENV 897
AGRI 805
ESPACE 77
TELECOM 184**

RAPPORT

Minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Lil	Kunsill
Nru dok. Cion:	14454/11 RECH 307 COMPET 405 ENV 694 TRANS 242 PECHE 242 16035/11 RECH 345 COMPET 462 REGIO 107 ENER 337 CULT 87 SOC 914 SAN 213 16037/11 RECH 346 COMPET 464 ENV 818 AGRI 734 ESPACE 61 ENER 338 TELECOM 155 16313/11 RECH 356 COMPET 481 ENV 837 AGRI 745 REGIO 113 16314/11 RECH 357 COMPET 482 ENV 838 AGRI 746 SAN 224
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnedija tal-inizjattivi għall-ipprogrammar konġunt rigward 'Ibħra u Oċeani b'Saħħithom u Produttivi', 'Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti', 'Kollegament tal- Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa', 'Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel' u 'L-Isfida Mikrobika - Theddida għas-Saħħa tal-Bniedem li qed Titfaċċa' - Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppubblikat:

- a) ir-Rakkomandazzjoni tagħha tas-16 ta' Settembru 2011 dwar l-inizjattiva għall-iprogrammar konġunt fir-riċerka msejħa “Ibħra u Oċeani b’Saħħithom u Produttivi”¹;
- b) ir-Rakkomandazzjoni tagħha tal-21 ta' Ottubru 2011 dwar l-inizjattiva għall-iprogrammar konġunt fir-riċerka "Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti"²;
- c) ir-Rakkomandazzjoni tagħha tal-21 ta' Ottubru 2011 dwar l-inizjattiva għall-iprogrammar konġunt fir-riċerka "Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa"³;
- d) ir-Rakkomandazzjoni tagħha tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar l-inizjattiva għall-iprogrammar konġunt fir-riċerka "Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel"⁴;
- e) ir-Rakkomandazzjoni tagħha tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar inizjattiva għall-iprogrammar konġunt fir-riċerka "L-Isfida Mikrobika – Theddida għas-Saħħa tal-Bniedem li qed Titfaċċa"⁵.

2. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka ħejja abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnedija tal-inizjattivi għall-iprogrammar konġunt rigward 'Ibħra u Oċeani b’Saħħithom u Produttivi', 'Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti', 'Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa', 'Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel' u 'L-isfida Mikrobika - Theddida għas-Saħħa tal-Bniedem li qed Titfaċċa'.
3. Fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Novembru 2011, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq qbil dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif jidher fl-Anness.
4. Il-Kunsill ("Kompetittività"), fis-sessjoni tiegħu tal-5-6 ta' Diċembru 2011 huwa għaldaqstant mitlub jadotta l-konklużjonijiet.

¹ Dok. 14454/11.

² Dok. 16035/11.

³ Dok. 16037/11.

⁴ Dok. 16313/11.

⁵ Dok. 16314/11.

**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnedija tal-inizjattivi għall-ipprogrammar
konġunt rigward 'Ibħra u Oċeani b'Saħħithom u Produttivi', 'Ewropa Urbana – Sfidi
Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti', 'Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima
għall-Ewropa', 'Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel' u 'L-isfida Mikrobika - Theddida
għas-Saħħa tal-Bniedem li qed Titfaċċa'⁶**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JFAKKAR

- Fil-Green Paper tal-Kummissjoni tal-4 ta' April 2007, intitolata "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Godda⁷ fejn wieħed mill-obiettivi ċentrali kien li tiġi żgurata l-koerenza tal-programmi u l-prijoritajiet nazzjonali u reġjonali dwar kwistjonijiet ta' sfidi jew opportunitajiet soċjetali kbar Ewropej rilevanti għall-pajjiżi kollha jew ħafna minnhom li jeħtieġu approċċ ġdid fir-rigward ta' sforzi ta' riċerka lil hinn mill-kapaċità nazzjonali individwali;
- Fid-Dokument dwar Kwistjonijiet Prinċipali (DKP) tal-25 ta' Frar 2008 mill-Kunsill ("Kompetittività")⁸, fejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni kienu mħeġġa jkomplu jiżviluppaw inizjattivi għall-ipprogrammar konġunt tar-riċerka fl-oqsma adatti għal approċċ bħal dan, u jippermettu approċċ aktar strateġiku u strutturat aħjar għat-tnedija ta' programmi konġunti ġodda u sejħiet konġunti għal proġetti;
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008⁹, li taw bidu għaċ-ċiklu l-ġdid tal-istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi (2008-2010) u li, bl-għan li jiġi żviluppat il-potenzjal kollu tal-innovazzjoni u l-kreattività taċ-ċittadini Ewropej, ikkonfermaw li għandha tingħata attenzjoni partikolari għal aktar inizjattivi għall-ipprogrammar konġunt tar-riċerka;

⁶ Bidliet għad-dok. **17060/11** huma indikati b'tipa ingassata u **tifa grassa sottolinjata**.

⁷ 8322/07.

⁸ 6933/08.

⁹ 7652/1/08 REV 1.

- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2008, intitolata "Lejn programmazzjoni konġunta tar-riċerka: Naħdmu flimkien biex nindirizzaw l-isfidi komuni b'mod iktar effettiv"¹⁰, li talbet għall-implimentazzjoni ta' proċess immexxi mill-Istati Membri biex jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp sabiex jikkonfrontaw aħjar l-isfidi soċjetali kbar ta' skala Ewropea jew dinjija, fejn ir-riċerka pubblika twettaq irwol essenzjali;
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2008 dwar l-ipprogrammar konġunt fir-riċerka fl-Ewropa bħala rispons għall-isfidi soċjetali ewlenin¹¹, li stabbilixxew konfigurazzjoni ddedikata tal-CREST, il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt (GPC), biex jidentifika u jissostanzja l-ewwel lista ta' għadd limitat ta' temi tal-ipprogrammar konġunt;
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2009¹² li taw bidu għall-Inizjattiva tal-Ipprogrammar Konġunt (JPI) pilota dwar il-ġlieda kontra l-mard newrodeġenerattiv, b'mod partikolari l-Alzheimer, u laqgħu l-identifikazzjoni u l-issostanzjar ta' "l-ewwel mewġa" ta' temi għall-Inizjattivi għall-Ipprogrammar Konġunt fl-oqsma tal-'Agrikoltura, is-Sigurtà tal-Ikel u t-Tibdil fil-Klima', 'Wirt Kulturali u Tibdil Globali: sfida ġdida għall-Ewropa', u 'Dieta Tajba għal Ħajja b'Saħħitha';
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2010¹³ li laqgħu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "l-ewwel mewġa" ta' Inizjattivi tal-Ipprogrammar Konġunt, u li stiednu lill-Kummissjoni biex, fl-ambitu tal-kompetenza tagħha, tikkontribwixxi għat-tnejn ta' aktar JPIs li jikkorrispondu mat-temi identifikati u ssostanzjati mill-GPC fl-oqsma 'Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa (Clik'EU)', 'Ibħra u Oċeani Sani u Produttivi', 'Aktar Snin, Ħajjiet Aħjar - Il-Potenzjal u l-Isfidi tat-Tibdil Demografiku', 'L-isfida mikrobika - Theddida emerġenti għas-saħħa tal-bniedem', 'Ewropa Urbana - Sfidi Globali, Soluzzjonijiet Lokali' u 'Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel'.
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 li jiffinalizzaw l-istrateġija l-ġdida tal-Unjoni Ewropea għall-impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (Strateġija Ewropa 2020)¹⁴;

¹⁰ 11935/08.

¹¹ Ġurnal Uffiċjali C 24, 30.1.2009, p. 3–6.

¹² 17226/09.

¹³ 10246/10.

¹⁴ EUCO 13/10.

- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2010 dwar it-tnedija ta' inizjattivi tal-ipprogrammar konġunt dwar 'L-Agrikoltura, is-Sigurtà tal-Provvista tal-Ikel u t-Tibdil fil-Klima', 'Il-Wirt Kulturali u t-Tibdil Dinji – sfida ġdida għall-Ewropa', u 'Dieta tajba għal ħajja b'saħħitha'¹⁵;
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2010 dwar il-progress fil-proċess tal-ipprogrammar kongunt¹⁶;
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2010 dwar l-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 li jilqgħu l-oġettivi tas-Sħubiji Ewropej għall-Innovazzjoni (EIPs) u l-ħidma li qed issir fuqhom bħala approċċ maħsub biex irawwem sinerġiji u jimmobilizza esperti u riżorsi mill-UE kollha, mifrux tul il-katina sħiħa tar-riċerka u l-innovazzjoni, billi jgħaqqad il-politika tal-provvista ma' dik tad-domanda, u billi jiżgura konsistenza fil-politika tal-UE permezz ta' koordinament aħjar tal-inizjattivi u l-azzjonijiet f'qafas koerenti¹⁷;
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 li jiddikjaraw li l-ipprogrammar konġunt għandu jiġi żviluppat¹⁸;
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar il-ħidma ta' tħejjija għas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni pilota "Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu" li jagħtu importanza kbira għal li jiġu kkunsidrati b'mod dovut l-inizjattivi eżistenti rilevanti u jenfasizzaw in-natura indipendenti u volontarja u l-irwol essenzjali tal-Ipprogrammar Kongunt¹⁹;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Settembru 2011 dwar it-tnedija tal-inizjattiva tal-ipprogrammar konġunt 'Iktar Snin, Ħajjiet Aħjar'²⁰;

¹⁵ 14976/10.

¹⁶ 17166/10.

¹⁷ 17165/10.

¹⁸ EUCO 2/1/11 REV 1.

¹⁹ 7586/11.

²⁰ 14992/11.

1. JENFASIZZA li l-Ipprogrammar Konġunt fir-riċerka fl-oqsma tal-ħames inizjattivi proposti

- 'Tbħra u Oċeani Sani u Produttivi',
- 'Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti',
- 'Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa',
- 'Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel',
- 'L-Isfida Mikrobjali - Theddida Emerġenti għas-Saħħa tal-Bniedem'

ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-frammentazzjoni tal-isforzi tar-riċerka tal-Istati Membri u ser jintensifikaw il-mobilizzazzjoni tal-ħiliet, l-għarfien u r-riżorsi, bl-għan li t-tmexxija u l-kompetittività tal-Ewropa fir-riċerka u l-innovazzjoni f'dawn l-oqsma jimxu 'l quddiem u jissaħħu.

2. JISTIEDEN lill-Istati Membri, li qed jipparteċipaw fil-qafas tal-ħames inizjattivi rispettivi, biex:

- i. Jiżviluppaw viżjoni komuni, ibbażata fuq approċċ multidixxiplinarju, dwar kif il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-qasam tar-riċerka fil-livell Ewropew jistgħu jtejbju l-indirizzar tal-isfidi ppreżentati fl-inizjattivi, biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-isforzi konġunti tal-Istati Membri.
- ii. Jiżviluppaw Aġenda Strateġika ta' Riċerka (SRA) li tistabbilixxi ħtiġijiet u objettivi tar-riċerka għal perijodu medju sa fit-tul fl-oqsma tal-ħames inizjattivi. L-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka għandhom jiġu żviluppati aktar lejn pjan ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-prijoritajiet u l-iskadenzi u li jispeċifika l-azzjonijiet, l-istrumenti u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-kontenut, il-programmi ta' ħidma u l-pjani tal-implimentazzjoni għandhom jieħdu kont tal-impatti fuq ix-xjenza, it-teknoloġija, is-soċjetà u l-innovazzjoni tar-riċerka appoġġjata.

- iii. Jimplimentaw l-Aġenda Strateġika tar-Riċerka flimkien, inkluż permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom tar-riċerka b'kont meħud tal-Linji Gwida Volontarji dwar il-Kondizzjonijiet Qafas għall-Ipprogrammar Konġunt fir-Riċerka żviluppati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt (GPC) jew attivitajiet nazzjonali oħra ta' riċerka.
 - iv. Jistabbilixxu u jamministraw struttura effiċjenti ta' ġestjoni komuni fil-qasam tal-ħames inizjattivi rispettivament, b'mandat biex jiġu stabbilit kondizzjonijiet, regoli u proċeduri adatti għall-kooperazzjoni u l-koordinament u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika tar-Riċerka. Din l-istruttura ta' ġestjoni għandha tkun ħafifa, effiċjenti u flessibbli u għandha tiegħu kont tal-Linji Gwida Volontarji dwar il-Kondizzjonijiet Qafas għall-Ipprogrammar Konġunt fir-Riċerka żviluppati mill-GPC.
 - v. Jibnu fuq il-kompetenza esperta eżistenti fil-Kummissjoni u jieħdu kont tal-linji gwida volontarji dwar il-kondizzjonijiet qafas meta jiżviluppaw u jimplimentaw l-Aġenda Strateġika tar-Riċerka u bl-għan li jikkoordinaw l-inizjattivi għall-ipprogrammar konġunt u jiżguraw koerenza ġenerali ma' programmi u inizjattivi rilevanti oħrajn, waqt li jevitaw duplikazzjoni ma' inizjattivi eżistenti u futuri tal-Unjoni f'dawn l-oqsma.
 - vi. Jirrappurtaw b'mod regolari lill-Kunsill, permezz tal-GPC (jew l-ERAC), dwar il-progress u r-riżultati ta' dawn il-JPIs, inklużi tagħlimiet meħuda dwar il-kisba ta' effiċjenza ottimali.
3. JIRRIKONOXxu l-importanza ta' proċess ta' prijoritizzazzjoni komuni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, u tal-aġġornament tas-sitwazzjoni attwali tar-riċerka Ewropea f'oqsma fejn qed jiġu żviluppati l-JPIs.

4. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, filwaqt li tippreserva għalkollox in-natura tal-JPIs bħala proċess imħaddem mill-Istati Membri:
- i. Taġixxi bħala faċilitatur billi tissuġġerixxi miżuri komplementari li jappoġġjaw l-JPIs. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu appoġġ għall-koordinament komuni, l-istruttura tal-ġestjoni u l-istabbiliment tal-Aġenda Strateġika tar-Riċerka, il-forniment ta' data, informazzjoni u analiżi dwar l-istat l-aktar avvanzat f'dan il-kamp fil-livell Ewropew u internazzjonali.
 - ii. Tistudja kif tista' tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika tar-Riċerka permezz tal-azzjonijiet u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE.
 - iii. Tfittex, b'kooperazzjoni mal-JPIs, forom possibbli ta' konsultazzjoni u kooperazzjoni dwar is-suġġett ta' inizjattiva rispettiva mal-partijiet interessati rilevanti u programmi oħra fil-livell internazzjonali.
 - iv. Toffri appoġġ fl-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi filwaqt li tiffaċilita l-komplementarjetà ma' programmi u inizjattivi rilevanti oħra, b'mod partikolari l-Programm Qafas Horizon 2020 li ġej.
 - v. Tirrapporta regolarment lill-Kunsill u tgħarraf lill-Parlament Ewropew bil-progress ġenerali u r-risultati tal-JPIs.

B'mod aktar speċifiku dwar it-tnedija tal-ħames inizjattivi, il-Kunsill:

a) fir-rigward tat-tnedija tal-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt rigward 'Ibħra u Oċeani b'Saħħithom u Produttivi',

5. JINNOTA li l-istrateġija Ewropa 2020 tirreferi għall-importanza li jintużaw il-kontributi tal-politiki marittimi tal-UE, fost oħrajn, biex jinkisbu l-miri tal-UE għat-tnaqqis fl-emissjonijiet u għall-bijodiversità, jiġi indirizzat l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tad-diżastri u r-rispons għalihom, użu iżjed effiċjenti tar-riżorsi u biex isir kontribut għat-titjib fis-sigurtà globali tal-ikel.
6. JIRRIKONOXXI li l-Ewropa għandha 89 000 km ta' kosta li jmissu ma' żewġ oċeani u erba' ibhra²¹, u r-reġjuni kostali tal-UE jikkostitwixxu madwar 40 % tal-PDG u tal-popolazzjoni tagħha, u jagħtu kontribut kruċjali għal setturi ekonomiċi ewlenin bħat-trasport marittimu u l-kummerċ, il-bijoeconomija tal-baħar, l-enerġija u t-turiżmu.
7. JIRRAKKOMANDA li għandhom jiġu kkunsidrati l-azzjonijiet li ġejjin, soġġett għall-ħtiġijiet identifikati mill-Istati Membri parteċipanti fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka, bħala parti minn pjan ta' implimentazzjoni:
 - a) analiżi tal-istat l-aktar avvanzat f'dan il-kamp u identifikazzjoni u skambju ta' informazzjoni dwar programmi nazzjonali, attivitajiet ta' riċerka rilevanti u kapaċitajiet rilevanti;
 - b) it-tisħiħ tal-eżerċizzju konġunt dwar il-previżjoni u tal-kapaċitajiet tal-valutazzjoni teknoloġika;
 - c) l-iskambju tal-informazzjoni, tal-aqwa prassi, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;
 - d) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew ta' attivitajiet tar-riċerka li għandhom jibbenefikaw mill-koordinazzjoni jew, fejn adatt, mis-sejthiet adattati konġunti għall-proposti jew mill-mobilizzazzjoni tar-riżorsi;
 - e) id-definizzjoni tal-modi li bihom għandha titwettaq ir-riċerka b'mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (d);

²¹ L-oċean Artiku u dak Atlantiku, u l-Baħar l-Iswed, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Mediterran u l-Ibħra Baltiċi.

- f) l-iżgurar tal-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' sinerġiji ma' skemi ta' riċerka u ta' innovazzjoni eżistenti u futuri fl-UE, eż. il-Programm Qafas, inkluż l-inizjattivi relatati tal-ERA-Nets u l-Artikolu 185, kif ukoll JPIs relatati oħrajn u l-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej;
- g) il-kondiviżjoni, fejn adatt, ta' infrastrutturi eżistenti tar-riċerka, jew l-iżvilupp, b'mod ikkoordinat, ta' faċilitajiet ġodda **b'mod partikolari biex jiġu appoġġati, fost l-oħrajn, politiki bbażati fuq approċċ integrat ekosistemiku;**
- h) l-inkoraġġiment ta' kollaborazzjoni aħjar bejn is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll innovazzjoni miftuħa bejn l-attivitajiet tar-riċerka differenti u s-setturi tan-negozju;
- i) il-promozzjoni ta' approċċi interdixxiplinarji u l-istimulazzjoni ta' skambji u interazzjonijiet bejn is-setturi marittimi u tal-baħar;
- j) l-esportazzjoni u t-tixrid tal-ġharfien, tal-innovazzjoni u tal-approċċi metodoloġiċi interdixxiplinarji;
- k) l-iżvilupp ta' xjenza / ta' interfaċċji politiċi adattati dwar kwistjonijiet rilevanti bħall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/KE (id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima) u tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu bħala għan kruċjali tal-Komunikazzjoni dwar "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea";
- l) il-ħolqien ta' networks bejn ċentri ddedikati għar-riċerka dwar l-ibħra u l-oċeani.

b) fir-rigward tat-tnedija tal-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt rigward 'Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti'

8. Jinnota li l-iżvilupp urban sostenibbli jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jinkisbu t-tliet prioritajiet li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku tal-istrateġija Ewropa 2010 - it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

9. JIRRIKONOXXI li l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni urbani Ewropej hija kwistjoni ewlenija għas-soċjetà meta jiġu esperjenzati xejriet globali intensifikati bħall-urbanizzazzjoni. Skont il-previżjonijiet, huwa mistenni li madwar 83 % tal-popolazzjoni (kważi 557 miljun) ser ikunu joqgħodu fi bliet sal-2050.
10. JINNOTA li l-urbanizzazzjoni tinvolvi firxa wiesgħa ta' sfidi interkonnessi – inklużi l-privazzjoni u s-segregazzjoni soċjali, l-espansjoni urbana u l-konġestjoni, il-kwistjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, id-degradazzjoni ambjentali, it-tniġġis u l-effetti tat-tibdil fil-klima – li jagħmlu pressjoni fuq is-soċjetà u joħolqu sfida mingħajr preċedent għar-reżiljenza, il-ġestjoni u l-governanza tas-sistemi urbani fl-Ewropa u fid-dinja.
11. JENFASIZZA li l-Ewropa għandha tisfrutta l-vantaġġi ta' spazju urbanizzat minħabba li ż-żoni urbani huma l-muturi tat-tkabbir fl-ekonomija Ewropea.
12. JIRRAKKOMANDA li għandhom jiġu kkunsidrati l-azzjonijiet li ġejjin, soġġett għall-ħtiġijiet identifikati mill-Istati Membri parteċipanti fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka, bħala parti minn pjan ta' implimentazzjoni:
 - a) l-analiżi tal-istat l-aktar avvanzat f'dan il-qasam u l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar programmi nazzjonali u attivitajiet ta' riċerka rilevanti;
 - b) ir-rinfurzar tal-kapaċitajiet fil-perspettiva konġunta kif ukoll fil-valutazzjoni tat-teknoloġija;
 - c) l-iskambju tal-informazzjoni, tar-riżorsi, tal-aqwa prassi, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;
 - d) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew ta' attivitajiet ta' riċerka li ser jibbenefikaw mill-koordinazzjoni u mit-tisħiħ ta' din il-koordinazzjoni;
 - e) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew ta' attivitajiet ta' riċerka li jibbenefikaw minn sejħiet konġunti għall-proposti jew mill-mobilizzazzjoni tar-riżorsi;
 - f) id-definizzjoni tal-modalitajiet li bihom għandha titwettaq ir-riċerka b'mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (e);

- g) l-iżgurar tal-koordinazzjoni, l-iżvilupp ta' sinerġiji ma' firxa kbira ta' programmi ta' finanzjament u l-inizjattivi dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni, bħar-R&Ż appoġġati mill-programmi ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni, JPIs oħra relatati, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), il-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs), il-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej kif ukoll il-kollaborazzjoni mal-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija (SFIC) fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dimensjoni internazzjonali possibbli fis-SRA u tiġi żgurata l-koerenza ma' inizjattivi tas-SFIC ma' u lejn pajjiżi terzi;
- h) il-konsiderazzjoni tal-bżonnijiet li jinbidlu tal-bliet u l-popolazzjoni urbana meta jiġu definiti l-oġġettivi għal programmi ta' riċerka dwar l-iżvilupp urban;
- i) il-kondiviżjoni, fejn adatt, tal-infrastrutturi eżistenti tar-riċerka jew l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda bħall-banek ta' data kkoordinati jew l-inventarju u l-iżvilupp ta' mudelli sabiex jiġu studjati l-proċessi urbani;
- j) l-inkoraġġiment għal kollaborazzjoni aħjar fis-settur pubbliku u bejn is-setturi pubbliċi u dawk privati, kif ukoll innovazzjoni miftuħa bejn l-attivitajiet tar-riċerka differenti, l-educazzjoni u s-setturi tan-negozju;
- k) l-esportazzjoni u d-disseminazzjoni tal-għarfien, l-innovazzjoni u l-approċċi metodoloġiċi interdixxiplinarji, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' ostakli fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni li ma jippermettux soluzzjonijiet innovattivi b'benefiċċju għas-soċjetà li jilhqqu s-suq aktar malajr;
- l) l-ġħoti ta' informazzjoni xjentifika adattata fil-livell tat-tfassil ta' politika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni;
- m) il-ħolqien ta' networks bejn ċentri ddedikati għar-riċerka urbana, inkluż ċentri li huma 'l barra miż-Żona Ewropea tar-Riċerka;

**c) fir-rigward tat-tnedija tal-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt rigward
'Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa'**

13. JINNOTA li l-Istrateġija Ewropa 2020 identifikat il-hteġa li jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet li diġà huma stabbiliti fil-livell tal-Unjoni Ewropea u enfasizzat il-hteġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna għar-riskji klimatiċi u l-kapaċità tagħna għall-prevenzjoni tad-diżastri u r-reazzjoni għalihom.
14. JIRRIKONOXXI li t-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-isfidi kbar ta' żmienna: il-Qbil ta' Kopenhagen irrikonoxxa l-għan ta' 2 °C u enfasizza l-hteġa għal tnaqqis kbir fl-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, filwaqt li saħaq fuq azzjonijiet immirati biex jimminizzaw l-impatt tat-tibdil fil-klima.
15. JENFASIZZA li huwa meħtieġ tbassir aħjar tal-klima biex jiġi indirizzat il-potenzjal għal tibdil fil-ġejjieni tal-frekwenza u l-intensità ta' avvenimenti estremi. Filwaqt li l-vulnerabbiltà u r-reżiljenza tas-soċjetà u l-ekosistemi għal riskji klimatiċi għadhom verament mhux mifhuma sew, jeħtieġ li l-proċessi fundamentali li jirregolaw is-sistema kumplessa klimatika jinftehm u aħjar sabiex it-tibdil fil-klima jkun jista' jiġi individwat u attribwit aħjar (l-effett uman kontra dak naturali) u sabiex ikun hemm distinzjoni bejn it-tibdil fil-klima u l-varjabbiltà tal-klima.
16. JISSOTTOLINJA li jenħteġu b'mod urġenti teknoloġiji, kunċetti u mekkaniżmi ta' mitigazzjoni biex jiżguraw tnaqqis qawwi fl-emissjonijiet tal-karbonju rikjesti sal-2050, inkluż riċerka u innovazzjoni dwar sorsi ta' enerġija rinnovabbli, qbid u ħżin tal-karbonju, l-effiċjenza enerġetika u fl-użu tar-riżorsi, bijokarburanti alternattivi, bidla fl-użu tal-art, mobbiltà sostenibbli, agrikoltura u forestrija, u tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu li jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent.
17. JINNOTA li għandhom jiġu żviluppati Servizzi Klimatiċi għall-produzzjoni, id-disponibbiltà u l-applikazzjoni ta' previżjonijiet klimatiċi bbażati fuq ix-xjenza.

18. JIRRAKKOMANDA li għandhom jiġu kkunsidrati l-azzjonijiet li ġejjin, soġġett għall-ħtiġijiet identifikati mill-Istati Membri parteċipanti fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka, bħala parti minn pjan ta' implimentazzjoni:
- a) it-tisħiħ tal-iskambji ta' informazzjoni dwar programmi reġjonali u nazzjonali rilevanti, attivitajiet ta' riċerka u programmi kkoordinati għar-riċerka tal-Unjoni Ewropea, ukoll minħabba l-aġġornament regolari tal-ippjanar tar-riċerka Ewropea f'dan il-qasam;
 - b) l-iskambju tal-informazzjoni, tar-riżorsi, tal-aqwa prassi, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;
 - c) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew attivitajiet tar-riċerka li jibbenefikaw minn koordinament jew sejħiet konġunti għal proposti jew mobilizzazzjoni tar-riżorsi;
 - d) id-definizzjoni tal-modi li bihom għandha titwettaq ir-riċerka b' mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (c);
 - e) l-iżgurar tal-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' sinerġiji ma' skemi ta' riċerka u ta' innovazzjoni eżistenti fl-Unjoni Ewropea, eż. attivitajiet tal-Programm Qafas, inkluż ir-Riċerka dwar l-Impatt tal-Klima u l-Koordinazzjoni tar-Rispons għal Ewropa Akbar ERA-NET (CIRCLE2), u l-azzjonijiet preoperattivi tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), riċerka dwar il-klima u dik relatata mal-klima li ssir miċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta (JRC) u l-Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni dwar il-Klima tal-EIT (KIC); l-attivitajiet ta' riċerka promossi permezz tal-Politika ta' Koeżjoni; inizjattivi oħrajn għall-ipprogrammar konġunt relatat, kif ukoll mal-Kamra tal-Ikklerjar (Clearinghouse) tal-Unjoni Ewropea dwar l-adattament, immexxija mill-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Għandhom jiġu żviluppati rabtiet qawwijin f'oqsma rilevanti tat-tibdil fil-klima li mhumix indirizzati mill-JPI attwali, jiġifieri fl-iżvilupp ta' għażliet ta' mitigazzjoni u adattament, kif ukoll ta' riskji u opportunitajiet ta' azzjoni dwar it-tibdil fil-klima. Għandhom ikunu inkoraġġuti rabtiet b'saħħithom mas-SFIC fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dimensjoni internazzjonali possibbli fis-SRA u tiġi żgurata l-koerenza ma' inizjattivi tas-SFIC ma' u lejn pajjiżi terzi.
 - f) il-kondiviżjoni, fejn adatt, tal-infrastrutturi eżistenti tar-riċerka, jew l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda bħalma huma l-banek tad-data kkoordinati jew l-iżvilupp ta' mudelli sabiex jiġu studjati l-proċessi u l-impatti tat-tibdil fil-klima;
 - g) l-inkoraġġiment ta' kollaborazzjoni aħjar bejn is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll innovazzjoni miftuħa bejn l-attivitajiet tar-riċerka differenti u s-setturi tan-negozju;

- h) l-esportazzjoni u d-disseminazzjoni tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tal-approċċi metodoloġiċi interdixxiplinari, b'mod partikolari dwar ir-riżultati rilevanti għall-politika;
- i) l-għoti ta' tagħrif xjentifiku adattat fil-livell tat-tfassil ta' politika fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni Ewropea;
- j) l-istabbiliment ta' skambju adattat ta' tagħrif bi programmi internazzjonali rilevanti;
- k) il-ħolqien ta' networks bejn ċentri ddedikati għar-riċerka dwar it-tibdil fil-klima, inkluż ċentri li huma 'l barra miż-Żona Ewropea tar-Riċerka;
- l) it-tisħiħ konġunt ta' eżerċizzji ta' previżjoni.

d) fir-rigward tat-tnedija tal-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt rigward Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel'

19. JINNOTA li bħala parti mill-Istrateġija tal-Ewropa 2020 'Ewropa effiċjenti fir-riżorsi – L-inizjattiva ewlenija fl-Istrateġija tal-Ewropa 2020' tfakkar l-importanza tal-ilma bħala riżors naturali ewlieni li huwa l-bażi tal-funzjonament tal-ekonomija globali u Ewropea u l-kwalità tal-ħajja tagħna. Barra minn hekk, 'Ewropa 2020 Inizjattiva Prinċipali – Unjoni ta' Innovazzjoni' tirrikonoxxi l-ilma bħala sfida għas-soċjetà li qed tikber u qasam ta' prijorità ta' innovazzjoni.
20. JIRRIKONOXXI li t-tibdil fil-klima huwa mistenni li jkollu impatti addizzjonali fuq l-ekosistemi tal-ilma Ewropej, li jirriżultaw fi skarsezzi iktar frekwenti tal-ilma, iktar nixfiet frekwenti u qawwija, u iktar perikli tal-għargħar. Barra minn hekk, l-agrikoltura intensiva maħsuba biex tipproduċu iktar ikel u bijomassa tista' żżid id-domanda għall-ilma hekk għal għanijiet ta' tisqija, u b'hekk tpoġġi iktar pressjoni fuq ir-riżervi tal-ilma. Iż-żieda tal-urbanizzazzjoni u l-espansjoni tal-ambjent mibni joħolqu bidliet idromorfoloġiċi li jkollhom impatt fuq l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art, il-ħabitats u aspetti oħra tal-bijodiversità. Barra minn hekk, l-infrastrutturi tal-ilma fl-Ewropa qed isiru dejjem iktar vulnerabbli għall-ħsara minħabba iż-żmien, ħsara mill-iskavi, manutenzjoni insuffiċjenti jew tagħbija żejda.

21. JENFASIZZA li waqt li d-disponibbiltà tal-ilma fi kwantitajiet suffiċjenti u ta' kwalità adegwata hija kwistjoni ta' prijorità għolja u hija sfida pan-Ewropea u anke tas-soċjetà globali, il-qabża bejn id-domanda u d-disponibbiltà tal-ilma madwar id-dinja kollha hija mistennija li tikber b'mod sinifikanti fl-20 sena li ġejjin.
22. JISSOTTOLINJA li s-settur tal-ilma Ewropew għandu importanza ekonomika għolja b'medja ta' rata ta' tkabbir ta' 5 % u dħul ta' madwar EUR 80 biljun fis-sena, li jirrappreżentaw madwar terz tas-suq dinji tal-ilma. Iktar kooperazzjoni strateġika fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-ilma fl-Ewropa tista' twassal għal avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi.
23. JIRRAKKOMANDA li għandhom jiġu kkunsidrati l-azzjonijiet li ġejjin, soġġett għall-ħtiġijiet identifikati mill-Istati Membri parteċipanti fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka, bħala parti minn pjan ta' implimentazzjoni:
- a) l-analiżi tal-istat l-aktar avvanzat f'dan il-qasam u l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar programmi nazzjonali, attivitajiet ta' riċerka u programmi ta' riċerka kkoordinati mill-Unjoni;
 - b) it-tisħiħ tal-eżerċizzji konġunti dwar il-previżjoni u tal-kapaċitajiet għall-valutazzjoni teknoloġika;
 - c) l-iskambju tal-informazzjoni, tar-riżorsi, tal-aqwa prassi, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;
 - d) l-identifikazzjoni ta' oqsma, ta' attivitajiet ta' riċerka jew ta' ttestjar pilota li jibbenefikaw mill-koordinazzjoni, mis-sejthiet konġunti għall-proposti jew mill-mobilizzazzjoni tar-riżorsi;
 - e) id-definizzjoni tal-modi li bihom għandha titwettaq ir-riċerka b'mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (d);
 - f) l-iżgurar tal-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' sinerġiji ma' skemi ta' riċerka u ta' innovazzjoni eżistenti fl-Unjoni, eż. il-Programm Qafas, u inizjattivi relatati oħrajn għall-ipprogrammar konġunt, b'mod partikolari 'L-Agrikoltura, is-Sigurtà tal-Provvista tal-Ikel u t-Tibdil fil-Klima', 'il-Kollegament tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa', l-Ewropa Urbana – Sfidi Globali Urbani', 'Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti', l-Ibħra u Oċeani b'Saħħithom u Produttivi', kif ukoll il-kollaborazzjoni mas-SFIC fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dimensjoni internazzjonali possibbli fis-SRA u tiġi żgurata l-koerenza ma' inizjattivi tas-SFIC ma' u lejn pajjiżi terzi;

- g) il-kondiviżjoni, fejn adatt, tal-infrastrutturi tar-riċerka eżistenti jew l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda bħalma huma l-banek tad-data kkoordinati jew l-iżvilupp ta' mudelli għall-istudji tal-proċessi relatati mal-ilma;
- h) l-inkoraġġiment ta' kollaborazzjoni aħjar bejn is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll innovazzjoni miftuħa bejn l-attivitajiet tar-riċerka differenti u s-setturi tan-negozju;
- i) l-esportazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-għarfien, tal-innovazzjoni u l-approċċi metodoloġiċi interdixxiplinari, b'mod partikolari dwar ir-riżultati rilevanti għall-politika;
- j) l-iżvilupp tat-tfassil tal-politika fuq il-livell nazzjonali u tal-Unjoni abbażi ta' informazzjoni xjentifika u teknoloġika adatta;
- k) il-ħolqien ta' networks bejn iċ-ċentri ddedikati għar-riċerka dwar l-ilma.

e) fir-rigward tat-tnedija tal-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt rigward 'L-isfida Mikrobika - Theddida għas-Saħħa tal-Bniedem li qed Titfaċċa'

24. JINNOTA li l-isfida mikrobika, minħabba r-reżistenza li qed tiżdied għal drogi antimikrobiċi, tirrapreżenta waħda mit-theddidiet ewlenin għas-saħħa tal-bniedem li qed jitfaċċaw fis-seklu 21. Iktar minn 25 000 pazjent imutu kull sena fl-Unjoni minn infezzjonijiet ikkawżati minn batterji li huma reżistenti għal antibijotiċi multipli. Ir-reżistenza għal antibijotiċi multipli hija problema komuni u li qed tikber.
25. JIRRIKONOXXI li l-mard li jittieħed ikkawżat minn batterji reżistenti jwassal għal spejjeż addizzjonali tal-kura tas-saħħa u għal spejjeż indiretti, bħal-leave minħabba mard u l-produttività mitlufa minħabba mewt bikrija.
26. JINNOTA wkoll li l-problema ta' reżistenza għal mediċini hija konsegwenza naturali li ma tistax tiġi evitata tat-trattament ta' mard li jittieħed b'mediċini antimikrobiċi. Madankollu, il-problema tikber minħabba użu mhux diskriminatorju ta' antimikrobiċi u t-tixrid fl-ambjent ta' batterji reżistenti għal antibijotiċi. Id-dinamiki ta' popolazzjonijiet umani, inkluż l-ivvjaġġar u t-tqassim tal-ikel madwar id-dinja kollha, jikkontribwixxu sinifikament għat-tixrid rapidu ta' mikroorganiżmi infettivi reżistenti. Barra minn hekk, l-użu żbaljat ta' antibijotiċi fil-bhejjem qiegħed iżid ir-riskju ta' tixrid ta' mikroorganiżmi reżistenti fil-bniedem permezz tal-konsum tal-ikel. Fl-istess waqt, l-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda qed jonqos b'mod drammatiku.

27. JENFASIZZA li soluzzjoni komprensiva għal problema teħtieġ li jittieħdu miżuri minn bosta setturi fis-soċjetà: dawk li jfasslu l-politika, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-industrija, l-aġenziji ambjentali, l-agrikoltura, il-mediċina veterinarja, ir-riċerka u oqsma oħrajn.
28. JIRRAKKOMANDA li għandhom jiġu kkunsidrati l-azzjonijiet li ġejjin, soġġett għall-ħtiġijiet identifikati mill-Istati Membri parteċipanti fl-Aġenda Strateġika tar-Riċerka, bħala parti minn pjan ta' implimentazzjoni:
- a) l-analiżi tal-istat l-aktar avvanzat f'dan il-qasam u l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar programmi nazzjonali u attivitajiet ta' riċerka rilevanti;
 - b) it-tisħiħ tal-eżerċizzji konġunti u tal-kapaċitajiet fil-valutazzjoni tat-teknoloġija;
 - c) l-iskambju tal-informazzjoni, tar-riżorsi, tal-aqwa prassi, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;
 - d) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew attivitajiet tar-riċerka li jibbenefikaw minn koordinament jew sejħiet konġunti għal proposti jew mobilizzazzjoni tar-riżorsi;
 - e) id-definizzjoni tal-proċeduri dettaljati li bihom għandha titwettag ir-riċerka b' mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (d);
 - f) il-konsiderazzjoni tal-bżonnijiet għat-trattament ta' pazjenti u ta' sistemi tal-kura tas-saħħa meta jiġu definiti l-oġettivi għal programmi tar-riċerka fil-qasam tar-reżistenza antimikrobika;
 - g) il-kondiviżjoni, fejn adatt, tal-infrastrutturi tar-riċerka eżistenti, jew l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda, bħalma huma l-banek tad-data kkoordinati jew l-iżvilupp ta' mudelli sabiex jiġu studjati l-proċessi tar-reżistenza antimikrobika;
 - h) l-inkoraġġiment ta' kollaborazzjoni aħjar bejn is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll innovazzjoni miftuħa bejn l-attivitajiet tar-riċerka differenti u s-setturi tan-negozju;
 - i) l-esportazzjoni u t-tqassim tal-għarfien, l-innovazzjoni u l-approċċi metodoloġiċi interdixxiplinarji, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' ostakli fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni li ma jippermettux soluzzjonijiet innovattivi b'benefiċċju għas-soċjetà milli jilhqqu s-suq aktar malajr;
 - j) il-ħolqien ta' networks bejn ċentri ddedikati għar-riċerka tar-reżistenza antimikrobika;

- k) l-iżgurar tal-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' sinerġiji mal-iskemi eżistenti dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni, eż. l-Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi; ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni appoġġati mill-Programm Qafas, inkluż fl-oqsma tas-saħħa, l-ikel, l-agrikoltura u l-ambjent, li meta meħtieġ huma appoġġati minn teknoloġija tal-informatika, kif ukoll minn inizjattivi oħra, bħall ERA-NETs rilevanti.
-